KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 16

Is-sittax il-seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar l-Erbgħa 3 ta' Ġunju 2020 fis-6pm. Il-laqgħa saret fis-sala ta' Sant' Antnin, triq Gwann Bosco minħabba ċ-ċirkostanzi preżenti u n-neċessita ta' social distancing.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Graziella Attard Previ | Vici Sindku |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Wallave Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| | Vivian Galea Pace | Kunsilliera |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | David Muscat | Kunsillier |
| **ASSENTI** | n/a | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal/D.Seg Eż |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-18.00:*

*16.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*
*16.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*16.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*16.5 Rapporti ; Audited Financial Statements*
*16.6 Items ohra ta' xoghol tal-Kunsill;*
*16.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati;*
*16.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*16.9 Mozzjonijiet*
*16.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 16.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

16.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-kunsillier D.Muscat ma setax jattendi minħabba x-xogħol.

## 16.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

16.2.1 Saru l-korrezzjonijiet kif huma indikati fuq id-dokument oriġinali. *Minuti nru 15*

16.2.4 B'referenza għall-punt nru. 15.3.3 is-Sindku qal illi l-MTA xorta waħda riedu jħawwlu siġar fl-area tat-Taormina, irrelevanti jekk hemm proġett.

16.2.5 B'referenza għall-punt 15.6.4 il-kunsillier J.Pillow talab update. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi intbagħtet emajl lil Assistent Kummissarju, kif ukoll lil Transport Malta u l-Lands izda ma rċieva l-ebda risposta. Il-kunsillier J.Pillow qal illi hemm bzonn tittieħed azzjoni issa la mhumiex qegħdin joperaw.

**Il-Viċi Sindku u l-kunsilliera V.Galea Pace daħlu għal-laqgħa fis-6.15pm**

16.2.6 B'referenza għal-Latrini Pubbliċi, is-Sindku ta update fuq is-sitwazzjoni kurrenti. Qal lill-kunsilliera li peress illi kien hemm ħafna lmenti dwar is-servizz tal-kuntrattur, u la kien wasal iz-zmien għat-terminazzjoni jew l-estenzjoni, kif ukoll la l-kuntrattur ħass illi jkun aħjar jekk ma jkomplix, kien hemm qbil illi ma nkomplux naħdmu flimkien.Żied illi issa se jiftħu l-latrini

kollha fejn l-MTA se jieħdu ħsieb dawk ta' taħt it-Torri, ta' FerroBay u ta' Qui Si Sana. B'referenza għall-aħħar tnejn, l-ewwel hemm bzonn isiru xogħolijiet ta' manutenzjoni qabel ma jinfetħu.

B'referenza lejn dawk ta' Ġnien Independenza u fejn l-Għasa tal-pulizija, dawk se jsiru minn kuntrattur privat wara li l-Kunsill ħareġ sejħa għall-perjodu ta' ftit ġimgħat. Żied illi dan se jnaddaf dawk fil-ġnien kull sagħtejn u dawk ta' fejn l-Għasa tlett darbiet kuljum għall-prezz ta' €1,000. Il-kunsillier J.Pillow ħass illi l-prezz kienet waħda baxxa għas-servizz illi hemm bzonn. Il-kunsillier A.Debono qal illi jista jkun dan ikollu latrini oħra f'lokalitajiet oħra u jħallat il-ħin ma tagħhom u b'hekk il-prezz tkun waħda baxxa.

Wara diskussjoni ġie deċiż ukoll illi l-ħinijiet tal-ftugħ se jkunu mit-8am sa 8pm [Għasa tal-pulizija], u mill-10am sa 10pm ta' Ġnien Independenza.

**Il-kunsilliera P.P.Portelli u A.Debono daħlu għal-laqgħa fis-6.15pm**

16.2.7 B'referenza għall punt 15.3.6 is-Sindku ħareġ pjanta tal-pavimentar ta' quddiem Sacro Cuor fejn qal illi se jitneħħew ftit postijiet ta' parkeġġ quddiem il-Każin. Fakkar lill-kunsillier il-ġodda dwar il-ftehim illi kien hemm fil-leġislatura preċedenti fejn kellom isiru xogħolijiet fit-toroq quddiem kull Parroċċa fil-lokalita.

16.2.8 B'referenza għall-punt 15.3.8 il-kunsillier J.Pillow qal illi xogħolijiet se jibdew ġimagħtejn wara l-laqgħa u għandom ilestu sa' Ottubru. Qal ukoll illi jixtieq ikellem lill-kunsillier P.Radmilli dwar it-tip ta' siġar illi għandom isiru madwar il-ġnien. Bħala fencing, fuq din il-Kunsill irid jara wara peress illi se tinvolvi ħafna spejjez.

16.2.9 B'referenza għall-istess punt is-Sindku qal illi l-Playing Fields se jintefħu issa wara l-COVID. Issuġerixxa li t-tabelli xorta waħda jibqgħu hemmhekk. Żied illi se jiftħu wkoll l-Outdoor Gyms. Il-Viċi Sindku talbet illi s-CSD jieħdu ħsieb xogħol ta' disinfettant ta' dawn il-positijiet.

16.2.10 B'referenza għall-istess punt is-Sindku qal illi hemm min qed jorqod fil-Playing Fields ta' fejn Peppi's, waqt illi hemm persuna oħra li qed ikisser ix-xogħolijiet illi saru taħt il-Kermelitani. Rapporti lill-pulizija saru.

**Il-kunsillier K.Wain daħal għal-laqgħa fis-7pm. Fl-istess ħin il-kunsillier W.Vella Baldacchino talab illi jkun skuzat għal ftit ħin.**

16.2.11 Il-kunsillier E.Borg ippropona li l-Minuti nru 15 jiġu approvati. Il-kunsillier D.Soler issekondaħ. Il-Kunsill qabel. *Approvazzjoni tal-Minuti nru. 15.*

**Għall-ħabta ta' 7.05pm is-Sindku ppropona li naqbzu għall-punt 16.5 tal-Aġenda peress illi l-Accountant kien wasal. Fl-istess ħin daħal lura l-kunsillier W.Vella Baldacchino.**

**16.5 RAPPORTI: AUDITED FINANCIAL STATEMENTS**

16.5.1 L-Accountant tal-Kunsill fakkar illi l-ewwel abboz saret fi Frar meta ressaqna għall-approvazzjoni l-Financial Statements [Unaudited], waqt illi l-audit saret bejn Marzu u April. Qal illi din is-sena kienet waħda pjutost pożittiva avolja l-Management Letter għada trid tasal għand il-Kunsill. Qal illi kien hemm biss emenda waħda fuq it-tipping fees. L-Accountant ikkonferma li hemm excess provision fuq it-tipping fees illi jammontaw għal €7000.

16.5.2 Wara diskussjoni qasira, il-kunsillier P.Radmilli ppropona li l-Financial Statements jiġu approvati. Il-kunsillier K.Wain issekondaħ. Ġew approvati unaniment.

**Għall-ħabta ta' 7.20pm il-Kunsill irrangrazzja lill-accountant u telaq. Fl-istess ħin il-kunsilliera J.Pillow u P.P.Portelli ħarġu mill-kamra.**

**16.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

16.3.1 Is-Sindku spjega li hemm bzonn illi jitneħħew il-boulders illi hemm fil-bajja ta' Qui Si Sana. Qal illi l-istess xogħolijiet kienu saru tlett snin ilu izda bil-mewġ qawwi sabu ruħhom fil-pools. Qal illi tirrekjedi xogħolijiet komplikati u li konna qegħdin nippreparaw biex isir nhar ta' Ġimgħa izda mħabbar il-maltemp dakinhar. Għall-benefiċċju tad-divers ix-xogħol mhix se ssir dakinhar. Żied illi se jkun hemm problemi minħabba t-traffiku u jista jkun hemm tgergir, ħalli l-kunsilliera jkunu f'pożizzjoni biex jirrispondu bl-informazzjoni li qed jingħata. Għalaq billi rringrazzja lill-kunsillier J.Pillow li għamel kuntatt mall-kuntrattur biex nizzel il-prezz minn €3000 għal €1,500. Ix-xogħol se ssir nhar il-Ħadd 14 ta' Ġunju. *Qui-Si-Sana boulders*

16.3.2 B'referenza għall-punt 16.3.1 il-kunsillier P.Radmilli staqsa fejn se jsiru l-boulders. Is-Sindku qal illi hemm depressions fil-baħar u għandom isiru hemm biex nevitaw illi jsibu ruħhom lura fil-pools.

Il-kunsilliera J.Pillow u P.P.Portelli daħlu lura għall-ħabta ta' 7.40pm.

16.3.3 Is-Sindku spjega kif l-idea ta' Slow Streets oriġinat mill-COVID u hemm il-ħsieb illi pjazzez u zoni oħra jsiru 'traffic free' nhar ta' Ħadd bejn 10am u 2pm. Is-Sindku ssuġerixxa li la m'hemmx pjazzez, din isir mall-Ferries bejn Giorgio's sa REMAX. *SLOW streets*
Wara diskussjoni kien hemm qbil illi nibdew bl-area fejn issuġerixxa s-Sindku.
Il-kunsillier K.Wain qal illi hemm bzonn illi nibdew nagħmlu pedestrianization tat-toroq u staqsa x'hemm bzonn ħalli jsir studju.
Fuq il-punt li qajjem is-sur Wain, kien hemm qbil illi hemm bzonn nibdew izda kien hemm ukoll fehma ġenerali li din se tkun diffiċli wisq.

16.3.4 Is-Sindku qal illi l-aħħar parti tal-bankina ta' Għar il-Lembi, ma triq it-Torri, għanda titwessa naqra meta jsiru x-xogħolijiet meħtieġa. *Għar il-Lembi*

16.3.5 Is-Segretarju Ezekuttiv resaq l-informazzjoni mill-AKL dwar ftehim biex il-Kunsilli Lokali jibdew jagħm lu transactions tal-bank bl-internet banking, u effettivament l-internet banking ma tkunx biss bil-'view onl'. Il-Kunsill qabel unaniment. *Internet Banking*

16.3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm kumpanija li jipprovdu street furniture li huma 'smart, energy efficient' u għamlu talba biex iħallu smart bench fil-lokalita. Wara diskussjoni l-Kunsill staqsa dwar il-possibilta li jġibu xi tip ta' street furniture differenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jara mall-kumpanija. *GSE Technologies*

16.3.7 Il-Kunsill ma qabilx ma suġġeriment tal-AKL biex l-iskart riċiklabbli tibda tinġabar mir-Reġjun. Is-Sindku qal illi bħala Reġjun diġa kien hemm qbil illi ma tinġabarx il-borza s-sewda minn naħa tagħhom. *Reġjuni: Riċiklabbli*

## 16.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

16.4.1 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi kien talab lista aġġornata tat-tenders izda din ma waslitx. għall-kunsilliera kollha.

16.4.2 Il-Viċi Sindku talbet update rigward il-bins. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ġew ordnati għaxra izda importanti li qabel ma jinxtraw bins, wieħed jipprovdi informazzjoni dwar fejn għandom isiru ħalli nkunu ċerti li huma tajbin għall-area. Is-Sindku qal ukoll illi tlabna laqgħa mas-CSD biex jagħmlu izjed bins madwar il-lokalita, waqt illi l-MTA wegħdu wkoll illi se jsiru izjed bins f'Dingli str. u triq it-Torri. Fakkar ukoll illi kienu saru bins illi inqalaw illegalment. Wara diskussjoni ġie deċiż illi l-kunsilliera għandom jibagħtu lista ta' areas fejn hemm bzonn izjed bins sal-aħħar tal-ġimgħa ta' wara.

16.4.3 Il-Viċi Sindku staqsiet dwar it-tabelli tat-toroq illi għandom isiru madwar il-lokalita. Il-kunsillier J.Pillow qal illi diġa beda eżerċizzju biex naraw x'hemm bzonn izda ssuġġerixxa li jsiru stickers minflok nixtru kollox mill-ġdid. Il-Viċi Sindku offriet l-assistenza tagħha. Kien hemm qbil illi ssir l-audit mill-kunsilliera sal-aħħar ta' Lulju.

16.4.4 Il-kunsillier A.Debono staqsa jekk l-istreet names għandom ikunu ma kull kantuniera. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-aħjar din tiġi indirazzata lejn il-kumitat li hemm.

16.4.5 Is-Sindku qal illi meta jsiru posts fuq il-mezzi soċjali hemm bzonn illi kulħadd joqgħod attend x'jikteb. B'referenza għax-xogħolijiet li qegħdin isiru tal-MTA, żied illi għandom itellaw il-psts huma l-ewwel. Il-kunsillier P.P.Portelli qal illi fuq posts oħra fuq mezzi soċjali, inkiteb l-istess ħaġa bħal ma użajna aħna bħala Kunsill Lokali waqt illi ħass illi l-MTA ma kellomx għalfejn jibagħtu nhar ta' Ħadd biex ineħħu post li kienet apprezzata mir-residenti tal-lokalita. Fakkar illi jekk ma jsirux posts niġu kkritikati b'mod, u jekk intellaw waħda niġu kkritikati b'mod ieħor. Fuq il-post partikolari, qal illi kiku ma kinitx hemm nhar ta' Ħadd, kulħadd kien jitlef il-mertu.

16.4.6 B'referenza għall-punt 16.4.6 il-kunsillier P.P.Portelli qal illli ilhu jistaqsi biex ikun hemm membru tall-uffiċju li jieħu ħsieb il-Facebook għal diversi snin. Qal illi hu lest jieħu l-ħin tiegħu biex jurihom kif għandom iħaddmu l-Facebook sew ħalli posts isiru minn ġewwa u mhux biss mingħandu jew minn naħa tas-Segretarju Eżekuttiv. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi jekk isiru minn ġewwa se nnaqqsu l-problema ta' kommunikazzjoni.

## 16.5 RAPPORTI

16.5.3 Ir-rapporti tal-Contracts Manager kienu intbagħtu qabel il-laqgħa tal-Kunsill. Ma kien hemm l-ebda mistoqsija dwar dawn ir-rapporti. Il-kunsillier J.Pillow sema l-punt illi qabel kienu wkoll jintbagħtu rapporti fuq ix-xogħolijiet tal-isoft areas izda dawn ma ġewx preżentati dal-aħħar.

*Contracts Manager Report*

## 16.6 ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL

16.6.1 Is-Sindku qal illi hemm bzonn illi toħroġ it-tender tad-dawl [str. lighting] għalhiex hemm bzonn illi jkun hemm kuntrattur li hu marbut magħna, u mhux ma kumitat ta' madwar tlettax il-Kunsill.

16.6.2 Il-kunsillier D.Soler qal illi hemm bzonn illi l-kunsilliera jibdew jirċievu lista ta' bozzoz/xogħolijiet illi għandom isiru matul dik il-ġimgħa għalhiex imorru n-nies fuqhom u ma jkunu jafu xejn. Intqal illi din tista ssir kull meta tkun possibli.

16.6.3 Il-kunsillier P.P.Portelli, b'referenza għal punt 16.6.2 qal illi tajjeb illi ċerti xogħolijiet ukoll insemmuhom fuq facebook.

**Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għaddew tlett sigħat u staqsa jekk il-laqgħa għanda titkompla. Il-kunsilliera qablu unaniment.**

16.6.4 Il-kunsilliera I.Fenech qalet illi l-kenniesa mhumiex qegħdin jikinsu l-bankini

16.6.5 Il-kunsillier K.Wain qal illi qed ikun hemm wisq każijiet fejn qed il-kuntrattur qed iħalli l-boroż barra l-bibien tan-nies meta huma joħorġuhom qabel ma ssir il-piling.

16.6.6 Il-kunsillier K.Wain qal illi l-Każin ta' San Girgor kienu miftuħin meta mhux suppost waqt zmien il-COVID. Is-Sindku fakkar illi affarijiet hekk għandom jiġu rraportati dak il-ħin stess lill-pulizija u mhux fil-laqgħat tal-Kunsill jekk hemm bzonn illi tittieħed azzjoni.

16.6.7 Il-kunsillier K.Wain staqsa dwar il-possibilta li ssir bye-law kontra x-xorb alkoħoliku fit-toroq. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi din diġa teżisti u suppost faċilment tista tiġi implementata la teżisti f'lokalitajiet oħra.

.

**16.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITAT U/JEW SOTTO KUMITATI**

16.7.1 Ma kien hemm l-ebda rapport għall-approvazzjoni.

**16.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

16.8.1 Il-kunsillier J.Pillow talab illi l-Contracts Manager jibda jara illi qed jitbatlu l-bins kollha fil-lokalita kull nhar ta' Tnejn, nhar t'Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa għalhiex hemm bins illi mhumiex qegħdin jintbatlu.

16.8.2 Il-kunsillier J.Pillow qal illi hemm xi xogħolijiet tal-kuntrattur tal-bankini li ma sarux tajjeb. Ġiet deċiża li sakemm titranġa x-xogħol jinzammu l-pagamenti.

16.8.3 Il-kunsillier J.Pillow qal illi hemm talba għall-ħlas tal-concrete slabs izda għad hemm neqsin. Talab illi nivverifikaw jekk kollha saru.

16.8.4 Il-kunsillier K.Wain ippropona li l-PAS tiġi approvata. Il-Viċi Sindku ssekondat il-proposta. Il-Kunsill qabel.

**16.9 MOZZJONIJIET**

16.9.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

**16.10 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

16.10.1 Is-seduta ntemmet fl-22.10. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tnejn 6 ta' Lulju 2020.

Minuti approvati llum nhar it-Tnejn 6 ta' Lulju 2020

(IFFIRMATA)

**Anthony Chircop**

**Sindku**

(IFFIRMATA)

**Anthony Attard**

**Segretarju Eżekuttiv**